MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-6 ta' Jannar, 2005

Appell Kriminali Numru. 211/2004

**Il-Pulizija**
**(Spt. D. Saliba)**

**Vs**
Vincent Cucciardi
Omissis

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fid-9 ta' Dicembru, 2000 gewwa l-Isla, matul il-gurrnata:**

**1) kellhom fil-pussess taghhom id-droga eroina specifiata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kellhomx fil-pussess taghhom l-awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug**

**mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima ta' l-Ordinanza w meta ma kellhomx licenzja jew xort'ohra awtorizzazjoni biex jimmanifatturawha, jew li jfornu d-droga msemmija, u meta ma kienux b'xi mod iehor bil-licenzjati mill-President ta' Malta li jkollhom d-droga msemmija fil-pussess taghhom u aktar talli naqsu li jippruvaw li d-droga msemmija giet fornuta lilhom ghall-uzu taghhom skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli ta' l-att 1939 dwar il-kontroll interni tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emmedati, u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;**
**2) talli huma recidivi b'sentenzi tal-Qorti, liema sentenza huma definittivi w li ma jistghux jigu mibdula.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-11 ta' t'Ottubru, 2004, li biha, wara li rat l-Artikoli 8 tal-Kap 101, u 49 u 50 tal-Kap 9, fuq ammissjoni sabitu hati u kkundannatu ghall-piena ta' prigunerija ghall-sena.

Rat ir-rikors tal-appellant tal-21 ta' Ottubru, 2004, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tvarja s-sentenza appellata billi titnaqqas il-piena ta' prigunerija.

Fliet l-atti kollha processwali.
**Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti u cioe' :-**
1. illi ghalkemm huwa diga nstab hati f' disa' okkazzjonijiet mill-Qrati ta' Malta, ta' diversi akkuzi , primarjament ta' serq, hsara volontarja, offizi ta' natura gravi fuq il-persuna , akkuzi ohra tat-traffiku u kontravvenzjonijiet, u huwa recidiv, huwa qatt qabel ma kien akkuzat b'reat ta' pussess u t-tehid ta' droga; 2. il-fatt li ma ppartecipax fir-reat ta' serq ma siehbu Frankie Pace li instab hati ukoll ta' dik l-akkuza barra dik tal-pussess u tehid ta' droga, jirrifletti li l-appellant tghallem mill-esperjenzi tieghu w

mic-cansijiet moghtija lilu , tant li rrifjuta li jikkommetti r-reat ta' serq; 3. li l-Ewwel Qorti ma hassitx li l-ammissjoni kellha teffettwaha fl-ghoti tal-piena w dan ghaliex din giet registrata sentejn u ghaxar xhur wara li l-kaz tressaq quddiem il-Qorti imma dan gara ghax l-avukati li kellu qabel ma tawhx parir tajjeb u di fatti meta gie appuntat avukat tal-ghajnuna legali, hu ammetta l-htija tieghu fis-seduta wara l-imsemmija nomina ; 4. Illi hemm diskrepanza kbira bejn is-sena prigunerija nflitta fuq l-appellant u l-piena ta' xaharejn prigunerija w multa ta' LM100 li gie kundannat ghalihom il-ko-akkuzat Frankie Pace meta dan, apparti tar-reat li tieghu instab hati l-appellant u li hu recidiv, instab hati ukoll ta' serq.

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni, fuq ordni tal-Qorti;**

**Semghet it-trattazzjoni fis-seduta tal-4 ta' Novembru, 2004;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi dan hu appell limitat ghall-piena .Il-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara. "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella" **[14.6.1999] ,** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina**"** **[24.4.2003] u ohrajn.)**

**Issa, meta din il-Qorti ezaminat is-sentenza appellata biex tistabilixxi l-parametri tal-piena , rat li l-artikolu tal-ligi citat u li tahtu suppost instabet htija, hu l-artikolu 8 tal-Kap. 101 , bla ma saret ebda riferenza ghas-subinciz partikolari li tahtu nstabet htija w minkejja li dawn jikkontemplaw reati ta' tipi diversi w anki jgorru maghhom piena differenti . Issa altru r-reat kontemplat taht l-artikolu 8 ( c ) li jittratta l-koltivazzjoni tal-pjanta cannabis u altru dawk kontemplati taht is-subincizi (a),(b) (d) u (e) li jikkontemplaw reati ohra konnessi mal-pussess jew**

**produzzjoni jew biegh tal-**pjanta cannabis **jew** raza tal-cannabis**. Fl-artikolu 8 (c) il-piena tvarja minn minimu ta' sitt xhur ghal massimu ta' ghaxar snin u multa ta' mhux inqas minn mitejn lira izda mhux izjed minn hamest elef lira , fil-waqt li fil-kazijiet l-ohra kollha l-piena tvarja minn minimu ta' tlitt xhur sa massimu ta' tnax il-xahar jew multa ta' mhux inqas minn mitejn lira w mhux izjed minn elf lira, skond l-artikolu 22 (2) (b) (i) u (ii) tal-Kap.101, meta tinstab htija mill-Qorti tal-Magistrati.**

**L-ewwel-Qorti ccitat ukoll ir-Regolamenti tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) fil-frontispizju tas-sentenza bla ma pero' regghet iccitathom fil-korp tas-sentenza u partikolarment fil-parti fejn qalet x-artikoli rat ,** fejn suppost li jkunu citati l-artikoli tal-ligi li tahthom tinstab htija **. F' kull kaz minkejja li dawn ir-regolamenti jikkontjenu mhux inqas minn tmintax il-regolament u sitt skedi , ma gie citat ebda regolament u/jew skeda partikolari.**

**Inoltre, din il-Qorti ma tistax ma tosservax li f' dan il-kaz l-appellant , minkejja l-ammissjoni tieghu, qatt ma seta' jinstab hati skond l-artikolu 8 tal-Kap.101 , ghaliex hawn non si tratta ta'** cannabis **imma "*ex admissis*" ta' pussess tad-**droga eroina **li se mai hu reat kopert b' artikoli ohra tal-Ordinanza .**

Illi x'aktarx li l-Ewwel Qorti, meta ccitat l-artikolu li tahtu sabet htija, setghet fixklet ir-regolament 8 tar-Regoli tal-1939 Dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939, kif emendati) li gie citat mill-Prosekuzzjoni fl-akkuza – pero' mhux mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata - mal-artikolu 8 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101), izda anki hawn, se mai, jidher li seta' jew kellu jigi citat regolament iehor mill-prosekuzzjoni u mhux ir-regolament 8.

**Hi kif inhi, l-appellant gie li nstab hati taht artikolu li zgur li ma jikkontemplax ir-reat minnu ammess u cioe'**

**dak ta' pussess tad-droga eroina, li bieh hu gie akkuzat u li hu ammetta.**

**Illi din l-ommissjoni tal-Ewwel Qorti li ssemmi r-regolament jew regolamenti specifici tal-G.N. 292/1939 u c-citazzjoni ta' artikolu tal-Kap.101 li manifestament mhux applikabbli ghal kaz in ezami, jippekka kontra d-dizpozittiv tal-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali w jwassal ghan-nullita' tas-sentenza appellata , ghaliex ghalkemm l-Ewwel Qorti ccitat artikolu li suppost jikkontempla r-reat, dan manifestament mhux l-artikolu li jkopri l-akkuza ammessa mill-appellant w ma ccitat ebda artikolu u/jew regolament iehor. Dan il-Qorti tista dejjem tirrilevah "ex officio" ghalkemm ma hemm ebda aggravju dwar dan.**

**Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tannulla s-sentenza appellata, w peress li l-applikazzjoni korretta tal-artikolu jew artikoli w regolamenti tal-ligi jista' jkollha effett fuq l-ikkalibrar mill-gdid tal-piena , u biex ma tipprivax lill-partijiet u partikolarment lill-appellant mill-beneficcju tad-"doppio esame" , qed tirrinvija l-atti tal-process lill-Ewwel Qorti biex terga' tiddeciedi dwar il-htija ammessa mill-appellant skond il-ligi, bl-applikazzjoni tal-artikoli w regolamenti rilevanti w applikabbli ghall-kaz.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------